Minuti tat-29 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Dicembru, 2014.
Il-laqgha nbdiet hin 12.40pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Anthony Camillieri kien informa li ma setghax jattendi u ghalhekk gie skuzat.

## 1.0 Offerta' M313/12 – *Enhancing the Leisure Area*

1. Is-Sindku spjega li din l-offerta' qeghda tinkludi fiha l-Progett taht l-ewwel sejha u Progett taht it-tieni sejha kif kien rakomandat mill-Gozo Action Group u kif kien hemm qbil f'diskussjonijiet precedenti f'hdan il-Kunsill. Il-Progetti flimkien kienu jammonta ghal madwar €302,000.00. Gie spjegat ukoll li il-*Bill of Quantities* tal-progett kien imdahhal fih items li il-Kunsill kien ser ikollu ic-cans li jaghmel ghazla sabiex jibqa' *within budget*. Il-board ta' l-Evalwazzjoni issugerrixxa li jsir *break down* tas-somma ta dawn l-items biex ma jkunx hemm problemi fl-ghazal tal-opzjonijiet li hemm.

1.1 Emanuel Muscat staqsa dwar minn min kien kompost il-bord ta' l-evalwazzjoni. Gie spjegat li dan kien kompost min-Nutara Josette Spiteri Cauchi, Paul Zahra u Joe Cauchi bhala rapprezentat ta' l-Gharb Rangers FC. Adrian Formosa ma' inghatax l-approvazzjoni mid-Dipartiment tieghu u l-Accountat Malcolm Meilak ikkancella fl-ahhar minuta.

1.2 Gie spjegat ukoll li hekk kif jilestew il-minuti tal-bord ta' l-evalwazzjoni ser issir laqgha mall-kuntrattur sabiex jigu diskussi iktar fid-dettal ix-xoghol relatat mall-progett. Dan il-progett ghajr ghal xi sitwazzjonijiet ta' maltemp jew ohrajn irid jitlesta' sa l-ahhar ta' Frar 2015. B'dan il-mod l-Gharb Rangers F.C. ikollhom il-possibilita' li jilghabu ghal parti minn stagun fuq il-ground.

1.3 Emanuel Muscat staqsa jekk l-illivellar kienx inkluz. Gie spjegat lid an kien inkluz u li ser isir surveys qabel jinbeda x-xoghol.

## 2.0 Skeda ta' Pagamenti

2.1 Ma' l-iskeda tal-Pagamenti gie approvat ukoll il-kont tal-Kav. Joe M. Attard ghal servizz ta' *compare* li jammonta ghal €150.

2.2 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**3.0 Materji Ohra**

3.1 Is-Sindku spjega li fil-granet li ghaddew fuq *short notice* kien gie is-Segretarju Parlamentari Chris Fearne fuq zjara lil Berga.

Gie spjegat li l-Kunsill ser ikun responsabbli mill-manutenzjoni u ftuh tal-Berga filwaqt li l-bqija ser ikun responsabbli s-sezzjoni tal-Health. Is-Segretarjat ta' l-Onor. Fearne ser thallas ukoll parti mix-xogholijiet li qeghdin isiru. Din il-binja ser tkun tista' tintuza mhux biss mit-tabib imma ukoll ghal terrapija, tahdidiet, ecc. Is-Sindku issugerixxa li flok kera ikun jista' jinghata servizz.

**Aggornament**

7.1 Il-Kunsill qabel li f'kaz li jkun hemm bzonn li ssir laqgha minhabba z-Zjara tal-President din tkun tista' issir nhar il-Erbgha 17 ta' Dicembru fis-1pm. F'kaz li ma jkunx hemm bzonn il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 14 ta' Jannar, 2014 fit-1.00pm.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 1.25pm.

Konfermati minn

David Agius Sindku
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv